Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 18/2023 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: Il-Ġimgħa, 24 ta' Frar 2023

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Is-Sur Marco Agius | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Preżenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Assenti |
| Sur Pierre Dalli | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Preżenti |
| Sur Vincent Borg | Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Dominic Grima | Sindku | Kunsill Lokali Paola | Skużat |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Preżenti |
| Sur Alfred Zammit | Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Preżenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Skużat |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Preżenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**18. 1 Ittri ta' Apoloġija**

18.1.1 Il-President semma li s-Sur Dominic Grima kif ukoll is-Sur Neil Attard talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impennji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw sabiex ikunu skużati mil-laqgħa għandhom jitniżlu bħala skużati. Il-President semma li s-Sur Boxall ma kienx informa li ser ikun skużat.

**18.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.16**

18.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 16 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**18.3 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa b' Urġenza Nu.17**

18.3.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 17 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

**18.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 14**

18.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Wayne Aquilina u s-Sur Alfred Zammit ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-27 ta' Jannar 2023 u l-24 ta' Frar 2023 li kienet tammonta għall-€217,843.54.

**18.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni Rapport Finanzjarju għas-Sena 2022 Awditjat**

18.5.1 Il-President semma li fieldwork mill-awdituri għall-awditjar finanzjarju għas-sena 2022 kien diġa tlesta u għaldaqstant, is-Segretarju Eżekuttiv kien f'pożizzjoni li jippreżenta r-rapport finanzjaru għas-sena 2022 ffinalizat u awditjat.

18.5.2 Il-President propona li r-rapport jiġi approva hekk kif preżentat. Is-Sur Alfred Zammit semma li huwa bħala Sindku u Membru fir-Reġjun jagħti l-fiduċja tiegħu lill-President u lis-Segretarju Eżekuttiv li r-rapport finanzjarju sar skond il-parametri tal-liġi, jirrifletti stampa tas-sitwazzjoni reali finanzjarja tar-Reġjun kif ukoll ir-rapport ġie awditjat minn awdituri esterni għaldaqstant huwa bla l-ebda dubju jissekonda lill-Preisdent għall-approvazzjoni tar-rapport. Il-Kumitat approva r-rapport unanimament.

18.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv semma li kien ukoll irċieva kopja tal-management letter għas-sena 2022 ftit qabel il-ħin tal-laqgħa għaldaqstant din ser tkun qed tiġi ċirkulata permezz ta' korrispondenza elettronika lill-Membri tal-Kumitat flimkien ma' tweġiba għaliha.

**18.6 Komunikazzjoni oħra mill-President**

| | |
|---|---|
| **18.6.1 Ħaddiema RSSL** | Il-President semma li minħabba l-festa fil-lokalita' tal-Floriana, il-Kunsill kien talab li l-ħaddiema jmorru f' Marzu minħabba xi xogħlijiet li kien hemm li jridu jsiru qabel iż-żmien tal-festa.<br>Is-Sindku ta' Bormla staqsa jekk il-ħaddiema tar-Reġjun humiex l-istess ħaddiema li kienu qed jagħmlu l-Pjazzetta fi Triq l-Inkurunazzjoni ġewwa Bormla. Dan għaliex semma li qed ikun hemm diversi ilmenti li x-xogħol f' din il-pjazzetta waqaf u qed ikun ta' deterrent għar-residenti. Il-President talbu jiċċekja mal-Kunsill Lokali peress li l-ħaddiema tar-Reġjun ma kienux assenjati mal-Kunsill Lokali ta' Bormla.<br>Is-Sindku ta' Ħaż-Żabbar irringrazzja lill-ħaddiema tar-Reġjun għax xogħol ferm tajjeb li għamlu fuq bankini ġewwa l-lokalita' ta' Ħaż-Żabbar. |

**18.6.2 Wine Festival**

Il-President semma li kif kien diskuss fil-laqgħa preċidenti r-Reġjun ser ikun qed jikkollabora f' dan il-Wine Festival li ser isir ġewwa l-Argotti, il-Floriana. Il-President semma li l-ispiża ta' din il-kollaborazzjoni ser tiswa lill Reġjun madwar €7,000.
Il-President semma li għall-ewwel darba fi ħdax-il sena ser ikun qed isir l-AGM tar-Reġjun u li ser ikun qed isir waqt il-ftuħ ta' dan il-festival. Il-President talab lill-Kunsilli Lokali sabiex jibgħatu lista ta' numru ta' impjegati u Membri Eletti ta' kull lokalita' sabiex ikun jista' jħejji l-lista tal-mistiedna.
Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li hija kienet għamlet laqgħa mal-organizzatur ta' dan il-Festival sabiex tikjarifiki xi affarjiet li qamu mill-Membri tal-Kumitat waqt il-laqgħa preċidenti. Is-Segretarju semma li l-organizzatur ser ikun qed jieħu ħsieb il-loġistika kollha tal-attivita', id-dħul kollu mill-attivita' ser imur għand l-organizzatur u r-Reġjun ser ikun qed jikkollabora anki billi jagħmel użu mill-ispazju ta' ġnien l-Argotti sabiex isir l-AGM. Is-Segretarju spjega li n-nefqa tal-AGM hija separata min dak li qed jitlob l-organizzatur sabiex ir-Reġjun jikkollabora għaldaqstant hija qed tistenna mingħadu kwotazzjoni ta' din l-ispiża. Semmiet ukoll li l-polza tal-assigurazzjoni kif ukoll r-risk assessment ser ikun qed isir kollox mill-organizzatur.
Il-President semma li ser ikun hemm ukoll spjazzu sabiex kull lokalita' jkollha stand għarmat li tirrappreżenta lill-lokalita'. Għaldaqstant huwa ħeġġeġ lis-Sindki sabiex jaħsbu fuq x' jistgħu jagħmlu.
Is-Sindku tal-Floriana irrimarka li fi snin preċidenti wara dan il-festival kien hemm kwistjoni fuq l-istat li fih tħalla l-post wara li tlestiet l-attivita'. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li r-Reġjun ser ikun qed jara li dan il-post jitnaddaf kompletament wara li r-Reġjun jagħmel użu minnu.

**18.6.3 Reimborz mill-LESA (spejjeż Tribunal)**

Il-President semma li r-Reġjun kien għamel il-claim mal-LESA għall-ispejjeż ta' Tribunal għas-sena 2022. Il-President semma li minkejja li l-LESA laqgħu t-talba tar-Reġjuni, kienu infurmati li għalissa il-ħlas ser ikun pendenti sakemm il-LESA terġa' tinnegozzja ftehim ieħor mar-Reġjuni peress li dak eżistenti kien skada.

**18.6.4 CCTV cameras**

Il-President semma li kien bagħat komunikazzjoni lill-Kunsilli Lokali kollha sabiex jipprovdu żoni ta' fejn il-Kunsill Lokali jaħseb li għandu bżonn cameras. Dan sabiex wieħed ikun jista' jikkunsidra proġett fuq bażi Reġjonali fejn ikun jinkludi installazzjoni ta' cameras fil-lokalitajiet tar-Reġjun.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

**18.6.5 Skema għall-latrini awtomatiċi**

Il-President semma li kienu għadhom ftit Kunsilli Lokali li bagħtu l-informazzjoni ta' liema latrina ser tkun qed tibbenifika minn dan il-proġett. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, il-Kumitat qabel li l-fondi allokati għandhom jinqasmu bejn il-ħdax-il lokalita'. Il-President semma ladarba jsir is-servey mill-Perit u wieħed jikwantifika n-nefqa, ir-Reġjun jerġa' jiddiskuti jekk għandux bżonn joħroġ fondi mir-Reġjun biex jassisti dan il-proġett.

**18.6.6 Social Impact Assessment**

Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed jiltaqa' mal-Universita' ta' Malta ħalli jieħu feedback fuq social impact assessment li r-Reġjun irid jagħmel. Semma l-iskop ta' din il-laqgħa hija sabiex ir-Reġjun jieħu idea ta' spiża relatata. Dan anki minħabba li skond market research li sar jidher li jekk ir-Reġjun ser jagħmel dan l-istudju mal-privat, l-ispiża kienet ferm għolja, 'l fuq minn €80,000. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech kien hemm qbil li wara din il-laqgħa mal-fakulta' ta' Social Wellbeing, ir-Reġjun għandu jkompli jaħdem mal-Fakulta' sabiex jipprepara s-social impact assessment.

**18.6.7 Laqgħa Immaniġjar tal-iskart**

Il-President semma li kien hemm laqgħa rigward l-iskart organizzata mill-Uffiċju tas-Segretarju Permanenti MHAL fil-preżenza ta' Diviżjoni, Waseserv, Cleansing Division, l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali kif ukoll Chief of Staff mill-Uffiċju tal-Onor Zerafa Civelli kif ukoll Chief of staff mill-Uffiċju tal-Onor. Owen Bonniċi. Il-President semma li fil-preżenza tal-kuntrattur ġew iċċarati diversi problemi li r-Reġjun u/jew anki l-kuntrattur iltaqa' magħhom. Semma wkoll li r-Reġjun ressaq il-proposta tiegħu li jkun hemm ġabra addizjonali tal-kartun wara l-ġabra tal-ħġieġ, ġbir ta' kartun kummerċjali kif ukoll ġbir ta' skart imħallat minn ġewwa ċ-ċimiterji.
Il-president semma wkoll l-problema li hemm ta' skips f' uħud mill-lokalitajiet liema problema ġiet ukoll trattata fil-Laqgħa tar-Reġjun li ssejħet b' urġenza.
Il-President semma li fl-iskeda tal-pagamenti ta' dan ix-xhar kien ser jitħallas l-ewwel kont tal-kuntrattur kif ukoll l-ewwel pagament tal-Wasteserv tal-gate fees.

**18.6.8 Ħruġ ta' sejħa għall-Reġistratur u Deputat Reġistratur – Tribunal Lokali**

Il-President semma wara li nħatar Aġent Reġistratur, ir-Reġjun ser ikun qed joħroġ sejħa interna għall-Reġistratur.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

| | |
|---|---|
| **18.6.9 Servizz ta' ICT** | Il-President semma li jinstab ferm diżappuntat bis-servizz li r-Reġjun qed jingħata mill-IMU. Semma wkoll li qed ikun hemm in sistenza min-naħa tal-IMU sabiex ir-Reġjun jimpjega ICT Officer. Semma li din il-problema skala peress li hemm Reġjuni oħra ukoll li qed jagħmlu l-istess ilment u daħlet fiha wkoll l-AKL.<br>Il-President semma li r-Reġjun ser ikun qed ikompli bis-servizz mill-kuntrattur privat. |
| **18.6.10 Servizz ta' accountant u book-keeping** | Il-President semma li br-Reġjun reġa' ġabar il-kwotazzjonijiet għas-servizz tal-accountant u book keeping. Semma li r-Reġju ser imur għall-orħos offerta. |
| **18.6.11 ECAD Membership** | Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, ir-Reġjun qabel li għandu jħallas il-membership tal-ECAD fuq ċirkulari li ntbgħatet mill-AKL. |
| **18.6.12 ACR+ Membership** | Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Alfred Zammit, ir-Reġjun qabel li għandu jħallas il-membership tal-ACR+ fuq ċirkulari li ntbgħatet mill-AKL. |
| **18.6.13 Rotta tal-Feniċi** | Il-President semma li kienet saret talba mill-AKL u mir-Reġjun Punent sabiex ir-Reġjun jipparteċipa fi proġett li fih ser tkun ifformulata r-Rotta tal-Feniċi ġewwa Malta. |

**18.7 Aġġornament**

18.5.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:30, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tlieta, 21 ta' Marzu 2023 fil-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun. .

**Chev Paul Farrugia**
**President Reġjun Xlokk**

**Lianne Cassar**
**Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv**